# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rikors Nru. 77/18JRM**

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru Numru 1508/02 fl-ismijiet:

Joseph **DEMICOLI**

vs

**COLEIRO GENERAL SUPPLIES LIMITED** (C – 3492)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija eżekutata Coleiro General Supplies Limited fid-29 ta' Jannar, 2018, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li (i) din il-Qorti ssib li l-eżekutant Joseph Demicoli talab b'ħażen il-ħruġ tal-Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru fuq imsemmi u li tali talba kienet waħda fiergħa u maħsuba biss biex iddejjaq lill-kumpannija rikorrenti eżekutata; (ii) tillikwida, jekk meħtieġ billi taħtar perit għal dan il-għan, id-danni mġarrbin minnha minħabba l-imġiba tal-eżekutant, liema danni jikkonsistu f'telf ta' qligħ, telf ta' mgħaxijiet u nfieq ieħor u (iii) tikkundanna lill-eżekutant intimat iħallasha d-danni hekk likwidati, flimkien mal-penali maħsuba mil-liġi għall-

finijiet tal-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena minn dakinhar li nħareġ il-Mandat;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Frar, 2018, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutant bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-kumpannija eżekutata;

Rat li, minkejja n-notifika, l-eżekutant baqa' ma ressaqx Tweġiba fiż-żmien lilu mogħti;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Marzu, 2018, li bih laqgħet talba magħmula mill-kumpannija rikorrenti eżekutata b'rikors tas-27 ta' Frar, 2018, biex titħalla tressaq il-provi tagħha;

Rat l-atti tar-rikors, id-dokumenti u x-xhieda mressqa bil-mezz tal-affidavit u l-atti tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta marbuta mat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Minbarra dan, il-kumpannija rikorrenti eżekutata (minn issa 'l hemm imsejħa "CGS") qiegħda titlob ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-intimat eżekutant biex iħallasha penali skond l-artikolu 836(8). CGS qiegħda tinqeda b'din il-proċedura wkoll biex titlob lill-Qorti tillikwida d-danni li ġarrbet minħabba l-ħruġ min-naħa tal-eżekutant tal-Mandat kawtelatorju msemmi;

Illi mill-<u>fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni</u> jirriżulta li fl-10 ta' Lulju, 2002, l-eżekutant Coleiro talab u kiseb il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra CGS għas-somma ta' mija u tmienja u ħamsin elf Liri Maltin (Lm 158,000)[1] fuq il-kawżali ta' "danni kawżati mis-soċjeta` intimata u dana skond kif ġja' ġie dedott fil-kawża numru 2716/97RCP fl-istess ismijiet". Dan sar b'ħarsien ta' pretensjonijiet tiegħu kontra l-istess CGS dwar danni li qal li ġarrab minħabba konsenji ta' lostru tal-għamara li qata' u li ma kienx tal-kwalita` miftehma jew li ma kienx jirrispetta l-ispeċifikazzjonijiet mitluba. Il-Mandat inħareġ lil erba' sekwestratarji, lkoll banek lokali, dak inhar stess li ntalab il-ħruġ tiegħu. Kif ingħad, l-imsemmi Mandat inħareġ b'ħarsien ta' pretensjonijiet li l-eżekutant kien ressaq f'kawża miftuħa minnu fis-27 ta'

[1] Li jġibu € 368,041 fi flus tal-lum

Novembru, 1997, quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta)[2]. Ħareġ ukoll li, qabel il-ħruġ tal-imsemmi Mandat, l-istess eżekutant kien talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru ieħor għall-ammont ta' disgħa u sebgħin elf u tmien mitt Liri Maltin (Lm 79,800)[3]. Dakinhar li ntalab il-ħruġ tal-Mandat mertu ta' din il-proċedura, l-eżekutant kien ukoll talab il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (Nru. 1507/02GV) fuq il-ġid immobbli ta' CGS, imma t-talba ma ntlaqgħetx b'degriet tat-18 ta' Lulju, 2002;

Illi t-talbiet magħmula mill-eżekutant fil-kawża miftuħa minnu kontra CGS ma ntlaqgħux. Dakinhar li ngħatat is-sentenza fil-mertu, il-Qorti tat provvediment dwar il-ħruġ ta' Kontro-Mandat tal-Mandat fuq imsemmi[4]. Il-Kontro-Mandat relattiv inħareġ fit-28 ta' Ottubru, 2016 (K/Mand. 1580/16);

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jgħoddu għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ħafna jiddependi fuq dak li ntalab mill-eżekutata. Kif ingħad qabel, għalkemm il-proċedura li nqdiet biha CGS hija dik taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12, li jitkellem dwar it-tħassir ta' Mandati kawtelatorji, fil-każ tal-lum il-Mandat li dwaru tressqet din il-proċedura ilu mħassar bosta xhur. Dan jingħad kemm minħabba li xi talbiet magħmulin minn CGS huma alternattivi għal xulxin u wkoll minħabba l-irritwalita` ta' wħud mill-istess talbiet, kif sejjer jingħad. Jibqa' l-fatt li CGS talbet il-kundanna tal-eżekutant għall-ħlas tad-danni li ġarrbet minħabba l-ħruġ tal-Mandat u kif ukoll il-kundanna tal-istess eżekutant għall-ħlas tal-penali;

Illi CGS titlob ir-rimedju tal-kundanna tal-eżekutant għall-ħlas ta' penali[5]. Il-Qorti sejra issa tipprovdi dwar din it-talba;

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[6]. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[7]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija

[2] Ċitazz Nru. 2716/97AF maqtugħa b'sentenza tat-13.10.2016, li minnha ma sarx appell (ara d-Dok. f'paġġ. 18 sa 41 tal-atti)
[3] Li jġibu € 18,402.50 fi flus tal-lum
[4] Dok f'paġġ. 42 sa 50 tal-atti
[5] Taħt l-art. 836(8)(d) tal-Kap 12
[6] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[7] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***

waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjet`' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;

Illi fil-każ tal-lum, CGS issejjes it-tielet talba tagħha fuq il-kawżali li l-Mandat inħareġ b'ħażen u b'mod fieragħ u abbużiv [836(8)(d)];

Illi dwar din il-kawżali, CGS tgħid li l-Mandat inħareġ kontriha bla ebda raġuni u bil-għan biss biex iddejjaq u tagħmel ħsara kummerċjali lilha. Hija tgħid li dan sar meta l-istess eżekutant kien diġa` kiseb żmien qabel il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru ieħor li dwaru kellha tressaq garanzija bankarja biex setgħet tibqa' teżerċita n-negozju tagħha. CGS tgħid li għandha għaliex taħseb li l-eżekutant mexa b'mala fidi fil-ħruġ tal-Mandat mitlub minnu;

Illi f'dan ir-rigward, il-liġi titlob li l-persuna eżekutata bi ħruġ ta' Mandat turi b'raġuni u b'mod tajjeb biżżejjed li l-parti eżekutanti kienet imxiet b'ħażen jew b'mod fieragħ u vessatorju fil-ħruġ tal-Mandat. Waħda minn dawn it-tliet raġunijiet tkun biżżejjed, imma l-prova ta' mqar waħda minnhom trid issir minn min jallega li l-Mandat ikun inħareġ kontrih b'mod ħażin jew għal raġunijiet ċensurabbli bis-sanzjoni tal-kundanna għall-ħlas ta' penali[8];

Illi huwa minn ewl id-dinja li min jippretendi li għandu jitħallas jinqeda bil-mezzi li tagħtih il-liġi ħalli jiżgura dak il-ħlas. B'daqshekk ma jfissirx li jkun mexa bi frodi, b'mod fieragħ jew b'abbuż tal-proċess ġudizzjarju;

Illi, b'żieda ma' dan, xieraq jingħad li kollox irid jitqiegħed fil-qafas ta' żewġ prinċipji ewlenin: l-ewwel wieħed huwa dak li min jirrikorri għal jedd li għandu ma jitqiesx li hu responsabbli għal ħsara mġarrba minn ħaddieħor minħabba l-użu xieraq ta' dak il-jedd ("*qui suo jure utitur neminem laedere videtur*")[9]; it-tieni wieħed huwa dak li l-jedd li wieħed ifittex ir-rimedji tiegħu billi jirrikorri għall-awtorita` ġudizzjarja, minflok jieħu l-liġi b'idejh, m'għandux jiġi mxekkel bla bżonn;

Illi l-Qrati tagħna dejjem għarfu wkoll li l-jedd li wieħed idur għal rimedji ġudizzjarji ma għandux jitbiddel f'abbuż tal-proċedura bil-ħsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragħ, iġib lill-parti avversarja f'qagħda li jkollha ċċedi għar-rikatt, għandha jew m'għandhiex raġun. Kien għalhekk ukoll li fil-qafas ta' kwestjonijiet ta' din l-għamla, il-Qrati tagħna, minn żmien għal żmien, fissru l-limiti u ċ-ċirkostanzi dwar fejn u kif jista' jitqies li jkun seħħ abbuż mill-proċess ġudizzjarju bi ħsara għal ħaddieħor. F'dan id-dawl ta' min jgħid li "*non era necessario che chi faceva istanza per la spedizione di un mandato cautelatorio avesse effettivamente* ***il diritto*** *che egli intendeva cautelare,* ***essendo sufficiente***

---

[8] P.A. LM **20.4.2017** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Cedric Mifsud noe vs Il-Bastiment M.v. Beni Louma***

[9] Art. 1030 tal-Kap 16

***che egli in buona fede credesse avere un simile diritto**, al che rispondeva la parola 'pretensione'*"[10];

Illi għalhekk, il-fatt waħdu li persuna tkun bdiet proċedura (magħduda magħha l-ħruġ ta' Mandati biex jikkawtelaw dik l-azzjoni) li, wara l-istħarriġ tal-Qorti, ma tiġix milqugħa, ma jfissirx b'daqshekk biss li kull proċedura kienet saret b'abbuż tad-dritt li tirrikorri lejn il-Qorti[11];

Illi, ġeneralment, l-abbuż mill-proċedura ġudizzjarja jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha[12]. Fejn ikun hemm element ta' aġir fieragħ fi proċedura ġudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuż tal-proċess ġudizzjarju[13]. F'dan ir-rigward ingħad li għalkemm ir-raġunijiet li għalihom min ikun talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju jista' jinsab ħati għad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taħt ir-regoli ġenerali tar-responsabbilta`[14] irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuraġni jew nuqqas ta' ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja[15];

Illi huwa magħruf ukoll li Mandat kawtelatorju jinħareġ bir-responsabbilta' ta' min ikun talbu u jista' hekk jintalab bil-ħsieb li jqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha mingħajr ma huwa meħtieġ li qabel ikun hemm deċiżjoni[16];

Illi l-Qorti ma ssibx li, f'dan il-qafas, jeżistu l-elementi biex tasal għall-fehma li t-talba għall-kundanna tal-penali hija mistħoqqa taħt il-kawżali msemmija. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejjaq lir-rikorrenti eżekutata. Il-fatt li l-eżekutant, matul iż-żmien li damet miexja l-kawża, kien ħabrek biex ixandar mal-erbat irjieħ li kien fetaħ kawża lil CGS (u kien ukoll saħansitra jgħid li l-kawża rebaħha[17]) ma jġibx li huwa mexxa 'l quddiem b'mod fieragħ jew b'mala fidi. Sa dak iż-żmien, huwa kien qiegħed itenni l-pretensjonijiet tiegħu fil-kawża li fetaħ. F'dan il-każ, il-Qorti qiegħda timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ppruvat[18];

Illi jifdal li l-Qorti tistħarreġ it-talba ta' CGS għall-kundanna tal-eżekutant għall-ħlas tad-danni. Il-Qorti ma jidhrilhiex li talba bħal din għandha tintlaqa' bil-mod kif saret. Hija l-fehma sħiħa tagħha li talba bħal din tista' ssir biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux

---

[10] App. Ċiv. **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)
[11] Kumm. **24.1.1895** fil-kawża fl-ismijiet ***Denaro vs Page noe*** (Kollez. Vol: **XV.34**)
[12] App. Ċiv. **10.1.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Grima*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.24**)
[13] App. Ċiv. **26.1.1926** fil-kawża fl-ismijiet ***Mugliette vs Beżżina*** (Kollez.Vol: **XXVI.i.405**)
[14] Artt. 1031u 1032(1) tal-Kap 16
[15] P.A. TM **18.9.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[16] Art. 829 tal-Kap 12
[17] Affidavit ta' Louis Coleiro f'paġ. 16 tal-atti
[18] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

fil-qafas ta' rikors marbut mat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, l-artikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-artikolu 836(9) irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 tal-Kodiċi, li m'għandu x'jaqsam xejn mar-rikors imressaq mir-rikorrenti eżekutata f'dan il-każ[19];

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li t-talba għall-kundanna tad-danni taħt l-artikolu 836(9) hija irritwali għall-finijiet tal-artikolu 164(1) tal-Kodiċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet ta' CGS billi:

**Tiċħad it-tielet talba għall-impożizzjoni tal-penali** kontra l-eżekutant, għaliex mhijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tiċħad l-ewwel u t-tieni talbiet għall-kundanna tal-eżekutant għall-ħlas tad-danni**, minħabba l-mod irritwali li bih saru t-talbiet.

Il-kumpannija rikorrenti eżekutata għandha terfa' **l-ispejjeż** tagħha.

Mogħti kameralment illum, il-Ħamis 23 ta' Awwissu, 2018.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

Komunika: Dr. Patrick J Galea LL.D. – għar-rikorrenti eżekutata

(Kopja għan-notifika tal-partijiet)

[19] Ara P.A.(Fam) LM **8.6.2017** fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Marija Saliba vs Joseph Saliba***